# innova
# espandi
# żviluppa
# investi

fin-negozju tiegħek,
biex ikollok opportunitajiet
aħjar u tkabbru bl-aqwa
mod possibbli.

*Permezz tal-MICROINVEST tkun tista' tnaqqas it-taxxi dovuti fuq il-qligħ tan-negozju jew tal-impriża tiegħek b'ammont massimu ta' €25,000.*

microINVEST

***Inċentiv ta' Kreditu ta' Taxxa** għas-Self Employed u Intrapriżi Żgħar*



# Messaġġ mill-Ministru

*Meta niltaqa' ma' sidien ta' negozji żgħar jew self employed bħalek, nammira d-dedikazzjoni lejn ix-xogħol tagħkom. Il-polz tal-ekonomija tħossuh mingħajr ma tanalizzaw l-istatistika. Għalhekk waqt li l-kriżi ekonomika li ħakmet id-dinja, kont qed niltaqa' aktar ta' spiss ma' sidien ta' negozji u self employed biex nisma' kif huma qed iħarsu lejn il-ġejjieni ta' pajjiżna fid-dawl ta' dak li kienet għaddejja minnu d-dinja.*

Smajna u tajna widen għal dak li għedtulna u bdejna nfasslu inizjattivi biex ngħinu lis-self employed u lis-sidien ta' negozji z-zgħar. Fil-baġit għal din is-sena ħabbarna skema ta' għajnuna għall-intrapriżi ż-żgħar – l-iskema Microinvest. Skema li l-iskop tagħha hu li ngħinu lilek, sid ta' kumpanija żgħira jew self-employed, biex tinvesti fl-immodernizzar jew it-tkabbir tan-negozju tiegħek.

L-intrapriżi ż-żgħar dejjem kienu fil-qalba tad-deċiżjonijiet li ħadna. Jekk il-komunità kummerċjali tagħna ma tibqax temmen fil-bżonn li tinvesti, l-ekonomija tagħna zgur li tistaġna. B'xorti tajba, l-imprendituri lokali dejjem apprezzaw li l-ekonomija Maltija tirrendi u li jagħmel sens li tinvesti fiha. Fl-aħħar xhur, kellna quddiemna sfidi kbar bl-impatt tas-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja internazzjonali. Microinvest hija t-tweġiba tagħna biex, bħala imprenditur, tgħinek biex tkabbar in-negozju tiegħek, tiġġenera l-ġid u toħloq l-impjiegi permezz ta' investiment ġdid. B'dan il-mod, se tkun tista' tiffranka sa €25,00 mill-kont tat-taxxa dovuta.

Għalhekk, inħeġġek bħala imprenditur, biex tagħrbel sew din l-opportunità unika li tgawdi minn tnaqqis sostanzjali mill-ammont tat-taxxa. Jien ninsab fiduċjuż li, bil-kooperazzjoni ta' kulħadd flimkien mad-dedikazzjoni, l-innovazzjoni u l-parteċipazzjoni tiegħek, ser jirnexxielna niżviluppaw opportunitajiet li bihom inkomplu insaħħu l-attività kummercjali u n-negozju f'pajjiżna. Il-Gvern determinat li flimkien inkomplu noħolqu l-aħjar ambjent, fejn in-negozju jkompli jikber, u jinħolqu aktar impjiegi ġodda. B'dan il-mod, tgawdi int u jgawdi l-pajjiż.



Tonio Fenech
**Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment**

# Messaġġ
## mill-Hon. Jason Azzopardi



***Segretarju Parlamentari għan-negozji żgħar u l-artijiet***

*Lokalment sikwit nitkelmu dwar l-SMEs u s-Self Employed bħala is-sinsla tal-ekonomija tagħna – u dan bir-raġun għax fil-fatt hekk huma. F'Malta parti kbira tal-industrija taqa' fil-kategorija micro, iġifieri tħaddem inqas minn għaxra min-nies. Din ir-realta' tal-ekonomija tagħna hija sintomu taċ-ċokon ġeografiku ta' pajjiżna, u tixhed l-importanza li tingħata attenzjoni kontinwa ' l dan is-settur.*

*Dan il-Gvern dejjem emmen f'dan is-settur, u dejjem mexxa 'l quddiem inizzjattivi u miżuri maħsuba li jinċentivaw it-tkabbir tiegħu. Il-Gvern dejjem ħaseb li joħloq l-aqwa xenarju għall-SMEs u s-Self Employed tagħna, b'mod li dawn ikunu imħajjra jinvestu fin-negozji tagħhom, tali investiment li jiġġenera impjieg.*

*Xhieda tad-dedikazzjoni li għandu l-Gvern f'dan is-settur huwa l-Baġit ta' din is-sena li joffri opportunitajiet lill-SMEs tagħna biex jinvestu u jkabbru n-negozji tagħhom.*

*Kif nafu lkoll, l-aħħar sena kienet waħda mill-agħar snin għall-ekonomija dinjija fl-aħħar tmenin sena. Għalkemm lokalment xorta ħassejna l-effetti tar-riċessjoni internazzjonali, b'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu, li għad li ingrifna ma tbenġilniex, filwaqt li pajjiżi ġirien tagħna ferm ikbar minna jinsabu għarkubtejhom, jaraw kif ser ipassu fi prospetti ta' falliment. Pajjiżna, jinsab aħjar minn pajjiżi oħra, uffiċjalment herġin mir-riċessjoni, u nħarsu 'l quddiem, għad li b'kawtela, lejn futur li jipprometti.*

*Dan huwa grazzi għal Gvern li għal aktar minn darba ta prova li għandu s-soluzzjonijiet għall-isfidi kif ukoll għandu l-kuraġġ li jieħu d-deċiżjonijiet it-tajba fil-waqt it-tajjeb. Dan kollu huwa riżultat ta' kuntatt u komunikazzjoni kontinwa mas-setturi tal-ekonimija tagħna.*

*Għalhekk bħala Segretarju Parlamentari responsabbli minn dan is-settur, fl-aħħar ġimgħat għamilt serje ta' laqgħat mar-rappreżentanti tal-SMEs u s-Self Employed tagħna, biex nisma', u nifhem in-negozji żgħar tagħna. Irridu nkunu qrib, nisimgħu dak li trid tgħidilna, biex nifhmu x'inhuma l-isfidi li qed tiffaċċja, u kif nistgħu niffaċilitawlek il-ħajja. Fl-istess ħin ser nagħmlu mezz biex inti tieħu vantaġġ mill-iskemi u l-inċentivi kollha li inti eliġibbli għalihom.*

*Ir-rieda tagħna tibqa' li rridu nkomplu nsaħħu dan is-settur kif għamilna fl-aħħar snin.*



# X'inhi MICROINVEST?

*__Microinvest__ hija Skema ta' Kreditu ta' Taxxa* li nħolqot bħala parti mill-Baġit tal-Gvern għall-2010 bl-iskop li tgħin lill-Micro Enterprises (jiġifieri kumpaniji li jħaddmu inqas minn 10 min-nies) biex jinvestu fin-negozju tagħhom bl-għan li jinnovaw u jespandu, sabiex jilħqu konformità ma' diversi Direttivi u jiżviluppaw l-opportunitajiet tagħhom għall-ġejjieni.*

### *X'inhu kreditu ta' taxxa?*

*Kreditu ta' taxxa huwa ammont ta' flus li tista' tagħmel użu minnu biex tnaqqas il-kont tat-taxxa. Jekk ikollok kreditu ta' taxxa ta' €1000 u l-ammont ta' taxxa dovut huwa ta' €2500, tista' tuża ċ-ċertifikat ta' kreditu ta' taxxa biex tnaqqas €1000 mill-kont tat-taxxa, biex b'hekk tħallas biss €1500 fi flus kontanti.*

# Għal xiex niġi ntitolat permezz ta' MICROINVEST?

*__Malta Enterprise__ tista' tapprova kreditu ta' taxxa __MICROINVEST__ ugwali għal 40% tal-ispejjeż eliġibbli. Negozji bbażati f'Għawdex jingħataw bonus addizzjonali ta' 20%.*

*Krediti ta' taxxa __MICROINVEST__ jistgħu jintalbu għal investimenti li jsiru bejn Jannar 2010 u Diċembru 2011.*

*Il-kreditu ta' taxxa massimu għal kull impriża huwa limitat għal __€25,000__ għall-perjodu li matulu jibqa' jgħodd dan l-inċentiv. Kull kumpanija tista' tapplika biss darba fis-sena.*

# Jien eliġibbli?

*__MICROINVEST__ hija miftuħa għall-impriżi żgħar kollha li jħaddmu inqas minn 10 min-nies. Dawn jinkludu ukoll impriżi ġodda u impriżi li jaqgħu taħt il-kategorija self employed. Biex impriża tkun eliġibbli, għandha tissodisfa l-kriterji KOLLHA li ġejjin:*

- ☑ *L-impriża M'GĦANDHIEX tkun qed timpjega aktar minn 9 min-nies fuq bażi full-time sal-perjodu li jagħlaq fl-10 ta' Novembru 2009;*
- ☑ *Il-fatturat annwali tal-impriża m'għandux jaqbeż l-ammont ta' €2,000,000;*
- ☑ *L-impriża għandha tkun reġistrata mad-Dipartiment tal-VAT u, fejn dawn ikunu meħtieġa, għandu jkollha l-liċenzji u l-permessi regolatorji;*
- ☑ *Min japplika m'għandux ikollu ħlasijiet pendenti relatati mal-VAT, mat-Taxxa fuq id-Dħul, mas-Sigurtà Soċjali jew ma' kera dovuta lill-Malta Industrial Parks.*









*"Permezz tal-MICROINVEST tkun tista' tnaqqas it-taxxi dovuti fuq il-qligħ tan-negożju jew tal-impriża tiegħek b'ammont massimu ta' €25,000."*






# Liema tipi ta' nfiq jikkwalifikaw għal MICROINVEST?

***MICROINVEST*** *tkopri investimenti li jsiru bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Diċembru 2011. Dawn li ġejjin huma fost l-ispejjeż eliġibbli:*

- ✓ *It-tisbiħ u t-titjib tal-bini jew tal-uffiċċji tan-negozju għal operat kummerċjali ta' livell ogħla;*
- ✓ *Makkinarju jew tagħmir teknoloġiku li jtejjeb l-operat kummerċjali;*
- ✓ *Makkinarju jew tagħmir teknoloġiku li jiffranka jew jiġġenera l-enerġija;*
- ✓ *Investimenti li permezz tagħhom tista' tintlaħaq konformità ma' Direttivi Ambjentali u regolamenti dwar, fost oħrajn, is-Saħħa u s-Sigurtà u l-Aċċess Fiżiku;*
- ✓ *Spejjeż relatati mal-pagi għal impjiegi ġodda u/jew apprendistati, bil-kundizzjoni li dawn jikkontribwixxu għal żieda netta fin-numru ta' impjegati mill-10 ta' Novembru 2009 'l quddiem;*
- ✓ *Spejjeż relatati ma' vettura kummerċjali waħda, bil-kundizzjoni li din il-vettura tintuża għall-ġarr ta' oġġetti u merkanzija skont kif speċifikat fil-linji gwida.*

# Kif tikkalkula d-dikjarazzjoni tad-dħul

# Sitwazzjoni 1:

*Fl-2010, in-Negozju XYZ ngħata approvazzjoni minn Malta Enterprise għal kreditu ta' taxxa b'valur ta' €8,000. Id-dikjarazzjoni tad-dħul l-ewwel għandha timtela bħas-soltu:*

| | |
|---|---|
| *Dħul minn Negozju*<br>*(In-negozju li għalih qed isir l-investiment u li għalih se jingħata l-kreditu ta' taxxa)* | *€40,000* |
| *Dħul ieħor*<br>*(Dħul ieħor li mhuwiex relatat b'mod dirett man-negozju li għalih qed isir l-investiment, u li għalih se jingħata l-kreditu ta' taxxa)* | *€60,000* |
| *Total tad-Dħul Taxxabbli* | *€100,000* |

*Ammont dovut f'taxxa (għall-iskopijiet ta' dan l-eżempju biss, l-ammont dovut f'taxxa qed jiġi kkalkulat b'rata fissa ta' 35%, jiġifieri €35,000)*

*B'hekk, il-parti tat-taxxa li għandha titħallas fuq l-attività tan-negozju hija:*

$$\frac{€40{,}000 \times €35{,}000}{€100{,}000} = €14{,}000$$

*jiġifieri*

*€14,000 (Taxxa fuq id-dħul mill-Attività tan-Negozju li għaliha qed jingħata l-kreditu ta' taxxa)*
*€21,000 (Taxxa fuq id-dħul minn Dħul ieħor)*

*Minħabba li l-ammont dovut f'taxxa fuq id-dħul minn negozju huwa ogħla mill-kreditu ta' taxxa disponibbli, l-ammont totali dovut f'taxxa jiġi kkalkulat billi jitnaqqas il-kreditu ta' taxxa disponibbli*

| | |
|---|---|
| ***Ammont Totali dovut f'Taxxa** (€35,000 - €8,000)* | ***€27,000*** |
| ***Ammont Iffrankat fuq it-Taxxa*** | ***€8,000*** |

# Sitwazzjoni 2:

*Fl-2010, in-Negozju XYZ ngħata approvazzjoni minn Malta Enterprise għal kreditu ta' taxxa b'valur ta' €20,000. Id-dikjarazzjoni tad-dħul l-ewwel għandha timtela bħas-soltu:*

| | | |
|---|---|---|
| *Dħul minn Negozju*<br>*(In-negozju li għalih qed isir l-investiment u li għalih se jingħata l-kreditu ta' taxxa)* | *€40,000* | |
| *Dħul Ieħor*<br>*(Dħul ieħor li mhuwiex relatat b'mod dirett man-negozju li għalih qed isir l-investiment, u li għalih se jingħata l-kreditu ta' taxxa)* | *€60,000* | *Ammont dovut f'taxxa (għall-iskopijiet ta' dan l-eżempju biss, l-ammont dovut f'taxxa qed jiġi kkalkulat b'rata fissa ta' 35%, jiġifieri €35,000)*<br><br>*B'hekk, il-parti tat-taxxa li għandha titħallas fuq l-attività tan-negozju hija:* |
| *Total tad-Dħul Taxxabbli* | *€100,000* | $\frac{€40,000 \times €35,000}{€100,000} = €14,000$<br><br>*jiġifieri* |
| *Minħabba li l-ammont dovut f'taxxa fuq id-dħul minn negozju huwa inqas mill-kreditu ta' taxxa disponibbli jista jitnaqqas direttament mill-ammont totali dovut f'taxxa* | | *€35,000 (Total dovut f'taxxa)*<br>*€14,000 (Taxxa fuq id-dħul mill-Attività tan-Negozju li għaliha qed jingħata l-kreditu ta' taxxa)*<br>*€21,000 (Taxxa fuq id-dħul minn Dħul Ieħor)* |
| ***Ammont Totali dovut f'Taxxa*** *(€35,000 – €14,000)* | ***€21,000*** | |
| ***Ammont Iffrankat fuq it-Taxxa*** | ***€14,000*** | *(b'bilanċ ta' €6,000 li jitnaqqas minn dikjarazzjonijiet tad-dħul sussegwenti).* |

***Minħabba li n-Negozju ngħata kreditu ta' taxxa ta' €20,000 meta t-taxxa eliġibbli tammonta għal €14,000, jibqa' bilanċ ta' €6,000 li jistgħu jintalbu lura f'dikjarazzjonijiet tad-dħul oħra sal-2014.***

# Kif nista' napplika għal MICROINVEST?

*L-applikanti għandhom, qabel xejn, jaqraw* ***il-Linji Gwida MICROINVEST****, li jistgħu jitniżżlu minn fuq is-sit elettroniku* ***http://incentives.maltaenterprise.com***

*L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati darba fis-sena lil* ***Malta Enterprise*** *permezz tal-formola ta' applikazzjoni li tista' tinkiseb minn fuq is-sit elettroniku* ***http://incentives.maltaenterprise.com***

*L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu bil-posta jew jitwasslu personalment sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2012.*

*Għal aktar tagħrif, u għal assistenza dwar* ***MICROINVEST****, ikkuntattja lil Malta Enterprise waqt il-ħinijiet tax-xogħol, bejn it-8.30 ta' filgħodu u l-4.30 ta' filgħaxija.*

*Tel: 2542 2020 Fax: 2542 3401*
*tax.credits@maltaenterprise.com*

*Malta Enterprise, Enterprise Centre, il-Qasam Industrijali, San Ġwann, SGN3000*

Ministry of Finance,
the Economy & Investment

MaltaEnterprise

**Microinvest hija inizjattiva tal-Baġit 2010**